**28 ta' Frar, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Andrew Camilleri *noe*

*versus*

Christopher Zammit

**Kont Kurrenti - Konteġġi**

*L-interess prinċipali ta' din is-sentenza huwa fil-kuntest ta' konteġġi, ir-rifless fuq il-figura ġuridika ta' kont kurrent. Fil-meritu, il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li laqgħet it-talba attriċi.*

Il-Qorti:-

Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-20 ta' Mejju, 1996, fil-kawża bl-ismijiet premessi, liema sentenza taqra kif ġej:

"Rat l-avviż ippreżentat mill-atturi *nomine* fl-14 ta' Novembru, 1994 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jħallas lill-atturi *nomine* s-somma ta' Lm192.01 (mija u tnejn u disgħin lira Maltija u ċenteżmu) bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' madum u *fittings*/aċċessorji tal-kamra tal-banju, lill-konvenut mibjugħa u kkonsenjati;

Bl-interessi legali u bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra

interpellatorja tat-13 ta' Awissu, 1993 u l-ittra uffiċjali tat-28 ta' *Lulju, 1994*, kontra l-konvenut li ġie inġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, fejn eċċepixxa *illi* t-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż peress *li l-pretensjonijiet* huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

*Il*-partijiet ftehmu li l-materjal fornut lill-konvenut *jitħallas b'servizzi* ta' elettriku u *plumbing* u mir-rendikont *mibgħut lill-atturi noe* hemm bilanċ favur l-istess konvenut *fl-ammont* ta' Lm68;

Rat *illi* l-konvenut ipprevalixxa ruħu mill-opportunità ta' *kontro-talba* u għalhekk qiegħed jippremetti li l-istess Andrew Camilleri u Oreste Camilleri, bħala diretturi għan-nom u *in* rappreżentanza ta' Planor, għandhom jiġu kkundannati jħallsu lil Christopher Zammit bilanċ ta' Lm68 lilu dovuti għal servizzi ta' elettriku u *plumbing* wara li jitnaqqas il-prezz ta' materjal ikkonsenjat lill-istess Christopher Zammit minn Andrew Camilleri *et nomine* skond ftehim bejn il-partijiet;

Bl-ispejjeż kontra l-istess Andrew Camilleri *et noe* li huma nġunti għas-subizzjoni;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Mejju, 1995 fejn l-atturi kkontestaw il-kontro-talba tal-konvenut;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat l-atti kollha tal-proċess;

Ikkunsidrat:

Illi rriżulta mill-provi li l-atturi qegħdin fin-negozju u għandhom żewġ kumpanniji separati Planor Ltd. u Pado Electric Ltd., dik ta' l-ewwel tforni *fittings* u aċċessorji għall-kmamar tal-banju inkluż madum u dik ta' l-attur tinnegozja prinċipalment fl-elettriku u *plumbing*;

Il-konvenut ukoll qiegħed fin-negozju ta' *l-elettriku u plumbing* u jidher li esegwixxa xi xogħol għan-nom ta' Pado Electric Ltd., u bejniethom sart xi tpaċija. Però li baqa' mhux paċut u, minkejja t-talbiet tagħhom, il-konvenut ma ħallasx;

Peress li kien jidher li d-diverġenzi bejn il-partijiet ma tantx kienu kbar u setgħu faċilment jirrisolvu ruħhom kieku dawn iltaqgħu u tkellmu, il-Qorti ddiferiet il-kawża diversi drabi sabiex il-partijiet jaslu fi ftehim. Sfortunatament, dan iż-żmien ġie moħli u l-partijiet lanqas biss iltaqgħu. Bħallikieku dan mhux biżżejjed, il-konvenut ma deherx quddiem il-Qorti biex jagħti l-versjoni tiegħu u jissustanza l-kontro-talba tiegħu;

Mill-bqija l-Qorti jidhrilha li l-atturi għandhom raġun fit-talba tagħhom u tistħoqq li tkun milqugħa;

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' dan il-każ, filwaqt illi tiċħad il-kontro-talba tal-konvenut, tilqa' t-talba ta' l-atturi *nomine* u tikkundanna lill-konvenut li jħallashom is-somma ta' Lm192.01, bilanċ ta' somma akbar, prezz ta' madum u *fittings*/aċċessorji tal-kamra tal-banju, lilu mibjugħa u kkonsenjata. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut";

Minn din is-sentenza appella Christopher Zammit permezz ta' rikors ta' appell ippreżentat fis-6 ta' Ġunju, 1996, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata, tiċħad id-domanda attriċi u tilqa' l-eċċezzjonijiet u l-kontro-talba tiegħu, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

L-appellati *nomine* ppreżentaw risposta għall-appell interpost, liema risposta tinsab fil-proċess u ġġib id-data tat-18 ta' Ġunju, 1996;

L-appellant jisottometti l-punti li ġejjin in sostenn ta' l-aggravji tiegħu ta' l-appell:

Li waqt is-smigħ tal-kawża l-avukat ta' l-atturi talab lill-*konvenut għall-evidenza dwar il-konteġġi*, u *d-dokumenti* relattivi ngħataw;

L-avukat tal-konvenut reġa' talab dawn id-dokumenti kollha lill-avukat ta' l-atturi biex jerġgħu jsiru l-verifiki neċessarji u dan minn mindu xehed il-konvenut fil-25 ta' Mejju, 1995;

Illi l-avukat ta' l-atturi ma nfurmax lill-avukat tal-konvenuti li ma ntlaħaqx ftehim, tant li l-kawża ġiet differita għall-probabbli ċessjoni diversi seduti;

Illi dawn id-dokumenti f'idejn l-attur kellhom jiġu esebiti la darba l-atturi, wara ħafna differimenti, iddeċidew li ma jittransigux u l-parti l-oħra ma ġietx infurmata;

Mingħajr preġudizzju l-appellanti jisottometti ukoll li huwa wettaq diversi xogħlijiet għall-atturi u l-partijiet ftehmu li l-konvenut jagħti s-servizzi tiegħu ta' elettriku u *plumbing* u l-atturi jfornuh b'madum u *fittings* u aċċessorji u wara ssir tpaċija;

Illi mir-rendikonti relattivi jirriżulta li l-valur tas-servizzi tal-konvenut huwa tmienja u sittin lira Maltija (Lm68) iżjed mill-materjal fornut;

Għalhekk l-atturi huma debituri versu l-konvenut fl-ammont ta' *tmienja u sittin lira Maltija (Lm68)* u għandhom *jiġu* kkundannati jħallsuh dan l-ammont;

Ikkunsidrat:

Illi, fil-mori ta' dan l-appell, l-appellant ġie awtorizzat jesebixxi d-dokumenti li għalihom saret referenza fir-rikors ta' l-appell tiegħu;

Dawn id-dokumenti ġew eżaminati *funditus* minn din il-Qorti, li semgħet ukoll it-trattazzjoni;

Meħud kollox in konsiderazzjoni din il-Qorti tosserva dan li ġej:

Fl-ewwel lok huwa d-dover tal-partijiet illi jsegwu l-andament tal-kawża u mhux li jistriehu fuq l-informazzjoni li jistgħu jippretendu li għandha tingħata lilhom mill-kontro-parti;

F'dan il-każ partikolari jidher li, għalkemm kien hemm trattattivi għaddejjin, dawn ma kinux jikkonsistu f'inkontri imma kienu jikkonsistu biss fil-fatt li l-konvenut għadda xi dokumenti lill-avukat ta' l-attur, li min-naħa tiegħu għaddihom lill-klijenti tiegħu, biex dawn jaraw u jesploraw il-possibbilità ta' transazzjoni;

Jidher li t-transazzjoni ma seħħitx u hemm dikjarazzjoni f'dan is-sens mill-avukat ta' l-atturi fis-16 ta' Mejju, 1996, b'dik li nforma lill-Ewwel Qorti li l-partijiet ma kinux waslu fi ftehim bejniethom u fil-fatt lanqas iltaqgħu. F'dik l-okkażjoni l-Qorti, wara li rat il-verbali preċedenti, dehrilha li kienet tat żmien biżżejjed biex il-partijiet jaslu fi ftehim u allura ordnat is-

smigh tax-xhieda. Dakinhar xehed wiehed mill-atturi, ċjoè Andrew Camilleri, u l-atturi ddikjaraw li ma kellhomx provi aktar xi jġibu. F'din is-sitwazzjoni, l-Ewwel Qorti ħalliet il-kawża *għas-sentenza għall-20 ta' Mejju, jiġifieri għal erbat* ijiem wara;

Jirriżulta mill-verbal tas-seduta preċedenti, ċjoè dik tas-6 ta' Mejju, 1996, li l-avukat tal-konvenuti kien deher u nforma *lill-Qorti li l-partijiet ma kellhomx jiltaqgħu, iżda l-konvenut* kellu jagħti l-*invoices* indikati fil-kontro-talba, liema *invoices* kienu ngħataw lill-avukat żmien ilu, u għal-liema eżami l-kawża dejjem kienet differita;

La fis-seduat tas-6 ta' Mejju, 1996, u lanqas fis-seduta tas-16 ta' Mejju, 1996, ma deher il-konvenut;

Jibqa' l-fatt illi ma hemmx raġuni għala, wara s-seduta tas-*16 ta' Mejju, 1996, il-konvenut, jekk kellu lmenti x'jagħmel* m'għamilhomx, ħlief li ma segwiex l-andament tal-kawża, u li jew ma ġiex infurmat jew ma kienx jaf li l-kawża kienet tħalliet għas-sentenza;

*Hu x'inhu din il-Qorti ma tistax tissupplimenta għal dawn* in-nuqqsijiet u, f'dan ir-rigward, l-ilment relattiv ta' l-appellant ma jidhrix li jista' jiġi ritenut fondat;

F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa ovvju li l-problema li sab ruħu fiha l-konvenut ma tistax tiġi solvuta faċilment għaliex bid-dokumenti kollha li tħallas jesebixxi f'din l-istanza biss, ma hemmx biżżejjed biex din il-Qorti, b'xi mod, tasal għall-konklużjoni li tvarja s-sentenza appellata;

Dana għaliex, fl-ewwel lok huwa kien xehed quddiem l-Ewwel Qorti, fil-bidu tal-kawża, u kien tkellem fuq dawn il-

*konteġġi u spjega n-natura tal-kontro-talba tiegħu. Jiġifieri l-*Ewwel Qorti kellha diġà ħjiel ta' f'hix kienet tikkonsisti din il-kontro-talba. *Fit-tieni lok hemm ix-xhieda ta'* l-atturi *li* jispjegaw kif il-konteġġi li għamel l-appellant fi kwalunkwe każ ma jwasslux, u ma jistgħux iwasslu biex tintlaqa' l-kontro-talba tiegħu għaliex *jirreferu għal żewġ kumpanniji jew soċjetajiet* kummerċjali differenti, ċjoè Planor Limited u Pado Electric Ltd. *u min-naħa tiegħu, il-konvenut, ma ħariġx id-distinzjoni li* kienet rilevanti għall-Qorti biex *tkun tista' tasal għall-*konklużjonni differenti u dan ma jistax jiġi njorat;

Jiġifieri l-posizzjoni li temerġi mid-dokumenti tal-konvenut b'kollox, hija li m'hemm xejn x'jindika li jista' jwaqqa' x-xhieda li ta Andrew Camilleri, kemm fl-ewwel darba li xehed kif ukoll fit-tieni darba, ċjoè illi l-konvenut qiegħed iħawwad żewġ kontijiet kurrenti differenti u qed jippretendi *minflok li kollox huwa dovut minn Planor Limited. Sitwazzjoni* din illi ma tgħin xejn lill-konvenut, anzi twassal biex din il-Qorti tiċħadlu l-appell tiegħu;

Għal dawn il-motivi għalhekk l-appell qed jiġi respint, is-sentenza appellata qed tiġi kkonfermata kif inhi, bl-ispejjeż ta' dan l-appell a karigu ta' l-appellant.

---